PETER SERRACINO-INGLOTT
u CLAUDE MANGION

# Il-Filosofija f'Malta

BHAL SOKRATE, nibdew bi stqarrija ta' injoranza. Ma nafux wisq dwar filosfi Maltin (dejjem jekk inħallu fil-ġenb il-figura ta' Ġaħan) f'Malta qabel nofs is-seklu sbatax.

*I: Ġiżwiti u Dumnikani (1592-1768)*

Xi tagħlim tal-filosofija kien isir għallinqas fl-iskejjel ta' l-Ordnijiet Reliġjużi minn meta dawn daħlu Malta.[1]

Fl-1592 beda jiffunzjona l-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-Belt. Billi l-Papa Klement VII kien riedu wkoll iservi ta' seminarju għall-formazzjoni tal-kleru, ma setax jonqos li l-filosofija kienet imgħallma.[2]

Barra minn hekk, fl-iskola tal-Kattidral kienu jistudjaw il-Loġika. Fl-1622, jingħad bi pjaċir, f'manuskritti miżmuma fl-arkivji tal-Mużew tal-Kattidral, li n-numru ta' l-istudenti tal-Loġika kien żdied u laħaq 34.[3]

Sadattant, id-Dumnikani kienu taw ħajja lill-kunvent tagħhom il-Belt, u, skond il-kostituzzjoni tagħhom, kellu jkollhom ukoll skola. Imbagħad, mit-tmiem tas-seklu sittax u matul is-seklu sbatax, l-aktar meta kien isaltan il-Gran Mastru Alof de Wignacourt u fil-gżira kien hawn arja ta' paċi u tħabrik internazzjonali, id-Dumnikani bdew jistiednu għalliema barranin tal-filosofija u tat-teoloġija. Nafu l-ismijiet ta' xi wħud minnhom li

1. VALENTINI, R., *Scuole, Seminari e Collegio dei Gesuiti in Malta (1467-1591)* in "Archivio Storico di Malta", VIII.
2. VELLA, A.P., *The University of Malta,* Malta (1969), igħid li "neither Philosophy nor Theology was included in the curriculum" ta' l-1629 (p. 12). Iżda jiċċita Memorandum (1768) ta' l-Isqof Rull, li fih l-Isqof igħid: "Fin da tempo antico, i Padri della Compagnia ... han fissato ... scuola di filosofia" (p. 119). Mons. V. Borg ġabar dokumentazzjoni fir-rigward li nittamaw ma ddumx ma tkun pubblikata.
3. VELLA, op. cit., p. 9.

żaru Malta bejn l-1613 u l-1618. Iżda, aktar minnhom, donnu li spikka Dumnikan Malti, jismu Ġwann Mattew Rispoli, kummentatur ta' Artistotle u San Tumas. Darbtejn kien reġġent ta' l-istudji f'Palermo, u fl-1624 fil-Kulleġġ Sistin ġo Ruma. Fl-Università ta' Pariġi kien magħruf bħala "Il-Malti", u hemmhekk kien imdaħħal f'kontroversji mal-magħruf Molina dwar il-grazzja u r-rieda ħielsa tal-bniedem.[4]

Fl-1727, il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti ngħata s-setgħa li jagħti l-gradi akkademiċi; minn dak iż-żmien għandna listi tat-teżijiet esposti u difiżi għal-lawrija. Fosthom hemm dawk li espona Salvatore Casha, Malti, fl-1767 - l-aħħar sena qabel ma tkeċċew il-Ġiżwiti minn Malta. Mid-29 paġna tal-ktejjeb, wara paragrafu fejn jingħad li t-teżarju kellu jkopri l-filosofija kollha, minkejja l-qosor taż-żmien, hemm diskussjoni tar-relazzjoni bejn il-ġisem u r-ruħ (esklużi s-sistemi ta' Leibniz u Malebranche u aċċettata t-teorija ta' "influss fiżiku" tal-wieħed fuq l-oħra, jew viċi-versa!); ħames paġni b'xi għoxrin teżi dwar l-epistemoloġija u l-metafiżika; u l-aħħar għoxrin paġna mhumiex filosofija, imma fiżika.[5]

Fl-1729, il-Kulleġġ tad-Dumnikani l-Belt irċieva l-istess setgħa li kienet ingħatat lill-Kulleġġ tal-Ġiżwiti sentejn qabel. Bejn Ġiżwiti u Dumnikani kien hemm tilwimiet qliel fosthom anki kontroversji filosofiċi – bl-eku tal-problemi li semmejna bejn Molina u Rispoli.[6]

## *II. Żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża (1768-1798)*

Meta, fl-1768, tkeċċew il-Ġiżwiti minn Malta, u s-sena ta' wara l-Gran Mastru Pinto stabilixxa Università Pubblika ta' Studji Ġenerali, inħatar Dumnikan bħala Professur tal-Filosofija Giuseppe Mongada.

Skond il-kostituzzjonijiet miktuba mir-Rettur, il-Patri Servita Roberto Raniero Costaguti, li nġieb minn Bologna, l-istudenti kollha kienu jibdew b'kors ta' Filosofija – jinkludi Loġika,

4. CALLUS, "Un Illustre Sengleano del Seicento, P. Gio Matteo Rispoli", *Archivium melit.*, Vol. VIII (1929), pp. 7-34.
5. *Theses Philosophicae publicae disputationi expositae in Melitensi Collegio Societates Jesu ac San. mae Dei Parenti Ab Originis Labe Immuni Dicatae a Salvatore Chasha Melitensi. Melitae in Palatio, et ex Typographia C.S.S. 1767 Apud D. Nicolaum Capacium ejus Typographum.*
6. VELLA, op. cit., p. 19.

Metafiżika u Etika, – Fiżika u Matematika. Hekk kienu jiksbu l-grad ta' M.A.; imbagħad jagħżlu jkomplux bit-Teoloġija, il-Liġi, jew il-Mediċina.[7]

Fl-1773, is-suċċessur ta' Pinto, Ximenes, li wiret kaxxa mimlija djun, neħħa l-professuri barranin; u minflokhom ħatar Maltin – fosthom lir-Rev. J. Xerri, mill-Belt, bħala Professur tal-Filosofija.[8]

Fl-1778, l-Gran Mastru De Rohan (elett fl-1775), ħatar lin-Naplitan, Rev. Domenico Malarbi, Rettur u Professur tal-Filosofija. Kellu 46 sena, imma kien ibati bil-gotta, u sentejn biss wara mar lura Napli bħala bibljotekarju tar-Re, u miet fl-1784. F'Malta, aktar jidher li ħabrek għall-astronomija milli għall-filosofija.[9] (Minieri Ricco, p. 189) (Zondadari, *Lettere*, 5.8.78, 5 agosto; dec. 1779).

Wara dan, hemm vojt fl-Arkivju ta' l-Università. Din hija xorti tassew ħażina għalina għaliex dan hu l-perjodu fejn daħal jgħallem l-Università Dun Mikiel Xerri, (1737-1799). Dun Mikiel kien jokkupa din il-kariga meta Napuljun ħataf lil Malta, u f'sitt ijiem (13-19 ta' Ġunju 1798) qaleb ta' taħt fuq l-istituzzjonijiet kollha tal-gżira.

Il-Professur Walter Ganado kiteb: "Dun Mikiel kien ġej minn familja numeruża minn Ħaż-Żebbuġ. Studja fis-Seminarju Djoċesan l-Imdina u l-Università ta' Malta kif ukoll barra minn Malta, speċjalment fl-Università ta' Montpellier. Meta ġie lura Malta għallem kemm fis-Seminarju kif ukoll fl-Università."[10]

Fortunatament, għadhom jeżistu listi tat-teżijiet li kienu jiddefendu għal-lawrja l-alljevi ta' Dun Mikiel Xerri meta kien Professur tal-Filosofija l-Università. Għandna teżarju ta' l-1791, per eżempju, difiż minn żewġ kjerċi, J. B. Ailhet, tal-lingwa ta' Provenza ta' l-Ordni ta' San Ġwann, u minn Felix Cristoforo, Malti; u ieħor ta' l-1793 difiż minn V. Segetta, tal-lingwa ta' Aragona.

7. VELLA, op. cit., p. 44. Cfr. V. LAURENZA, *Il Primo Rettore e i Primi Statuti dell'Università di Malta*, Malta Govt. Printing Press. 1934.
8. VELLA, op. cit., p. 49.
9. MINIERI RICCIO, C., *Memorie Storiche degli scrittori nati nel Regno di Napoli*, Napoli (1844).
10. GANADO, W., *Dun Mikiel Xerri u Sħabu u l-Qawmien Kontra l-Franċiżi* fi AA.W. "Monument Dun Mikiel Xerri u Shabu", Malta (1986), pp. 3-4. Mons V. Borg qalilna li ma jafx b'dokumenti li juru li Dun Mikiel Xerri studja Montpellier imma li żgur studja Napli.

# PROPOSITIONES PHILOSOPHICAE

EX HABITIS PRAELECTIONIBUS EXCERPTAE

# Quas

IN AULA UNIVERSITATIS STUDIORUM

PUBLICE PROPUGNANDAS EXPONUNT

JOANNES BAPTISTA AILHET,

Clericus Hierosolymitanus, Ven. Linguae Prov. Collegii Alumnus,

FELIX CRISTOFORO,

Clericus Melitensis Collegii Alumnus

# Tradente & Dirigente

## D. MICHAELE XERRI

IN EADEM UNIVERSITATE PHILOSOPHIAE P.P.

Mense *junio*, die *7a* hora *post meridiem 11½*

MELITAE,

Excudebat Fr. Joan. Mallia Typogr. Palat.

M D C C X C I.

*Superiorum Adprobatione.*

*Noti tal-lezzjonijiet tal-Filosofija ta' Dun Mikiel Xerri ppubblikati minn żewġ studenti tiegħu*

Huwa biżżejjed magħruf mill-istoriċi li f'dan iż-żmien – l-aħħar snin tas-seklu tmintax u ta' l-Ordni f'Malta – kienu xterdu anki fost il-Kavallieri l-ideat ta' l-Illuminiżmu u l-movimenti ta' ħsieb marbutin b'mod jew ieħor mar-Rivoluzzjoni Franċiża. Infatti, mingħajr dan, aktarx li Napuljun ma kienx jikseb lil Malta bil-ħeffa li għamel. Il-Prof. Ganado kiteb li "ma hemm ebda xhieda li qabel il-qawmien kien ħa sehem attiv fil-politka". Iżda jidher ċar biżżejjed li Dun Mikiel Xerri, qabel ma ta ħajtu biex igħin 'il Malta teħles mill-ħakma tal-Franċiżi, kien ta sehmu biex jilqa' kontra l-ideoloġija li wittitilhom it-triq. Diversi teżijiet huma diretti kontra "ċertu ċittadin ta' Ġinevra" – jiġifieri Jean-Jaques Rousseau; imma hemm ċerta ironija meta taqra li ċertu Luiġi Assenza, tal-Lingwa Taljana, fl-1789, iddefenda t-teżi li r-ribbeljoni hija dejjem "et nefaria et execranda" - skond it-tagħlim ta' Dun Mikiel Xerri!

### *III. Żmien ir-Risorġiment Taljan (1800-1876)*

L-Università reġgħet fetħet fl-1800. Salvatore Montebello nħatar Professur tal-Loġika u tal-Metafiżika.[11] Il-programm ta' l-istudji jidher li baqa' dak imfassal minn Costaguti. (Statut tal-1771). Dan kien ir-Rev. Pietro Mallia; il-lawrja tiegħu kienet fid-Dritt Kanoniku u Ċivili.

Fl-1823, seħħet bidla wara l-ħatra ta' l-ewwel Gvernatur ta' Malta taħt is-sovranità Ingliża, Sir Thomas Maitland. Id-Dumnikan, Glormu Saverio Inglott, inħatar Professur tal-Filosofija u Rettur. Kien imwieled il-Birgu, predikatur imfittex u Pirjol tal-Kunvent tal-Belt. Kitbiet tiegħu huma elenkati fil-katalogu tal-Bibljoteka Nazzjonali, iżda ma jinstabux fuq l-ixkafef.

Fl-1827, Carlo Cicognomi Cappelli nħatar Professur tal-Filosofija. Cicognomi kien studja l-ewwel Bologna, imbagħad Pavia, u kien sar tabib fl-armata ta' Napuljun fit-tieni kampanja tiegħu fl-Italja. Imma l-ammirazzjoni tiegħu għal Napuljun malajr dbielet f'imrar meta ra l-imġieba tal-Franċiżi l-Italja. Telaq l-eżerċtu u l-mediċina, u nxteħet għall-filosofija u x-xjenzi sperimentali. Imma ma telaqx l-impenn politku. Kien il-President ta' l-*Unione Patriottica per lo Stato Romano*, u saħansitra safa ikkundannat għall-mewt minħabba l-ħidma tiegħu politika fl-istati

11. J. Cassar Pullicino, *The Reopening of the University in 1800*, in "Journal of the Faculty of Arts" I, 1957, pp. 142-148. Cfr. *Acta Acad. Melit.* 1800-1832, II, P3.

Pontifiċji. Imma fl-1826, bl-għajnuna ta' Sir Frederick Hankey, inħeles mill-ħabs u ġie miegħu hawn Malta. L-Ingliżi kienu jqisuh vittma tal-persekuzzjoni tal-Papa. Iżda, wara sentejn igħallem il-Filosofija, ngħata l-kattedra tal-matematika, u saħansitra ħafna snin wara mewtu, fl-1838, kien hemm min jiftaħar bil-ġieh li kien "alljev ta' Cicognomi".

Hawn Malta Cicognomi, flimkien ma' Zauli Sajani, beda joħroġ il-gazzetta ta' kull ġimgħa jisimha *Il Mediterraneo*, li kienet ixxandar artikli kemm bit-Taljan kif ukoll bl-Ingliż. Għall-ewwel kienet gazzetta kulturali — b'ħafna artikli filosofiċi minbarra letterarji — iżda malajr inbidlet f'gazzetta aktar politika, tikkumbatti għall-kawża tal-għaqda ta' l-Italja, il-leħen tar-rifuġjati politiċi Taljani li sabu kenn fi gżiritna.[12]

Fl-1829 laħaq Professur il-Kanonku G. Fenech.

Fl-1834, il-Fakoltà bdiet tissejjaħ tal-Filosofija u ta' l-Arti, u kellha biss Professur wieħed tal-Loġika fil-qasam tal-Filosofija.

Fl-1838, il-Filosofija kompliet qalgħet daqqa ta' ħarta kbira. Sar *Statut Fundamentali* ġdid fl-Univeristà; skond l-artiklu 177, il-filosofija u l-grad fl-Arti ma baqgħux meħtieġa biex tidħol fit-tliet Fakultajiet l-oħra: Teoloġija, Liġi u Mediċina.

Il-konsegwenza kienet li, erbgħin sena wara, fir-rapport Keenan (1878), jingħad li, f'dawk l-erbgħin sena, ebda student ma kien kiseb il-grad fil-filosofija u li l-Fakoltà ta' l-Arti kienet biss fatat fl-Università. Baqa' kors biss tal-Loġika; kienu jużaw bħala test il-*Galuppi*.

Matul din il-parentesi, madankollu, mhux biss ġara li fl-1843, minflok il-Kanonku Fenech, laħaq Professur ir-Rev. Dott. V. Galea, iżda wkoll kien hawn igħix Malta, u anki ta lezzjonijiet l-Università, persunaġġ ta' importanza internazzjonali fil-Filosofija. Dan kien P. Matteo Liberatore, Ġiżwita. Liberatore twieled Salerno fl-14 ta' Awissu 1810 u miet Ruma fit-18 ta' Ottubru, 1892. Kien fost id-disgħa w erbgħin Ġiżwiti li ġew Malta fis-17 ta' Marzu, 1848, eżiljati, minħabba l-ġlieda għall-unifikazzjoni ta' l-Italja. Liberatore huwa meqjus bħala wieħed mill-mexxejja tan-Neo-Tomiżmu fl-Italja, u kellu sehem kbir fil-preparazzjoni ta' l-

12. Fiorentini, B., *Malta Rifugio di Esuli e Focolara Andante di Cospirazione durante il Risorgimento Italiano* in AA.W. *Echi del Risorgimento a Malta*, Malta, Società Dante Alighieri, (1966).

Enċiklika *Rerum Novarum*, wara r-ritorn tiegħu Ruma minn Malta.[13]

Fl-1859, laħaq Professur ir-Rev. Giorgio Caruana, D.D. Dan huwa l-awtur ta' *Trattato di Filosofia*[14]. Kien igħallem, skond is-sillabi li għandna għas-sena 1860, "Filosofija Intelletwali u Morali" — fl-ewwel u t-tieni sena, "Loġika u Metafiżika", fit-tielet sena; il-Morali, b'lezzjoni ġurnata iva, u ġurnata le. Bejn is-snin 1856 u 1865, l-għadd ta' l-istudenti tal-filosofija kien ivarja bejn 22 (fl-1863-4) u l-40 (fl-1861-2).

Bejn l-1872 u l-1876, il-Professur tal-Filosofija kien Dr. N. Crescimanno. Issa l-Italja l-folja kienet inqalbet. Malta minn rifuġju għal min ġie eżiljat għax ried l-unità ta' l-Italja saret rifuġju għal min kien sostna l-mexxejja ta' qabel l-unità. Fost dawn kien Crescimanno, kittieb u maġistrat li ħadem l-aktar fi Sqallija, u kien igawdi l-fiduċja sħiħa tar-Re Ferdinandu. Mill-1870 sa l-1885, għallem il-Liġi l-Università ta' Malta. Kien avukat, imma dilettant (fl-aħjar sens tal-kelma) tal-Filosofija.[15]

L-Istatut ta' l-1871 ma jippreskrivi xejn bħala tagħlim tal-Filosofija ħlief kors tal-loġika fl-ewwel sena. Dan kien fih tliet partijiet: ħarsa ħafifa lejn "dawk l-ideat fil-Metafiżika meħtieġa biex tifhiehem il-Loġika"; is-sillogistika; l-induzzjoni "fit-tul u bis-sħiħ daqs is-sillogistika" — indizju ta' l-importanza li kienu jagħtu lix-xjenzi naturali li għalihom kienet timxi bil-metodu ta' l-induzzjoni.

*IV. Darwin u Marx (1876-1890)*

Fl-1876, laħaq Professur tal-Filosofija t-tabib Nikola Zammit, mis-Siġġiewi.[16] Zammit kien ukoll rumanzier, ġurnalista, politiku, u fuq kollox disinjatur u arkitett. Fost ħwejjeġ oħra — pavimenti, mobbli, abiti sagri — iddisinja l-faċċati tal-Knejjes ta' San Pawl il-Belt u ta' San Pupulju l-Furjana, il-portiku u l-koppla ta' San Nikola tas-Siġġiewi u l-kampnari ta' Santa Katarina, iż-Żurrieq. Huwa kurjuż li, fil-kitba tiegħu, Zammit jikkritika bl-aħrax l-istil Barokk u jfaħħar il-Gotiku, iżda bl-ebda mod ma nistgħu ngħidu li l-prattika tiegħu taqbel mat-teorija — teorija li xandar pubblikata sa mill-1864.

13. MASNOVO A., *Il Neo-Tomismo in Italia*, Milano (1923) p. 82 sqq.
14. MSS 1334, RML.
15. SCHIAVONE, L., *Esuli*, op. cit., p. 190.
16. Cfr. XERRI J., *Introduction to the Philosophical Thought of N. Zammit.*

Fl-1888, ippubblika volum oħxon (ta' aktar minn 500 paġna) jismu "Pensieri di un retrogrado" (Tipografija Muscat) - "Ħsebijiet ta' bniedem li jrid jimxi lura". L-isem tassew jixraq lill-kontenut tal-ktieb. Biex nagħtukom togħma ta' l-istil ta' Zammit, inġibu sentenza waħda dwar is-Soċjaliżmu: "Mill-ħolm kollu li jista' jinżel fuq il-medda tal-faqar m'hemmx aktar bla sens minnu. (Is-Soċjaliżmu) huwa d-delirju tat-tbatija meta tippretendi dak li ma jistħoqqilhiex." (p. 231).

Anki aktar milli kontra s-Soċjaliżmu, Zammit kellu kontra t-teorija ta' l-Evoluzzjoni, li fi żmienu kienet għadha ġdida.

L-aktar ħaġa li ninnota bi pjaċir f'Zammit hija li ma kienx qassis.

F'lezzjoni stampata, "Alla Classe di Filosofia nell'Università degli Studi di Malta", fl-1886, Zammit jispjega l-ordni li kien isegwi fil-kors tal-Filosofija. Jibda bil-bniedem, u jagħrbel erba' kwalitajiet tiegħu: ħaj, sensibbli, jifforma l-ideat, u jirraġuna. Imbagħad jgħaddi għall-ambjent li fih igħix, id-dinja. It-tielet, mill-ħolqien jitla' għall-Ħallieq. Ir-raba', jirritorna għall-bniedem, u jistħarreġ kif il-bniedem għandu jġib ruħu, fid-dawl tar-riflessjoni ta' qabel, u dan hu l-istudju ta' l-etika, jew il-morali naturali. Fl-aħħar jikkonkludi bi storja tal-filosofija.

*V: Lejn Żmienna (1890-1990)*

Fl-1890, wara Nikola Zammit, sar Aġent Professur il-Kanonku E. Bonnici. Tiegħu għandna l-lezzjoni inawgurali, jisimha *La Pedagogia e la Filosofia* (Malta, 1893).

F'dan id-diskors Bonnici jargumenta biex juri "il-valur edukattiv ta' l-istudju tal-filosofija għall-iżvilupp ta' l-individwu, fil-ħajja tiegħu familjari, soċjali u reliġjuża". Jidher li kien studja tajjeb lill-kant, fost l-oħrajn.

Mal-bidu tas-seklu tagħna, u sewwasew fl-1901, laħaq Professur tal-Filosofija, l-Karmelitan, Patri Anastasju Cuschieri. Patri Cuschieri kiseb aktar fama bħala poeta bil-Malti, imma fil-poeżija ferm sabiħa li kiteb ftit hemm ħjiel ta' l-interessi filosofiċi tiegħu.[17] Madankollu, kien kiteb artiklu qawwi f'waħda mill-ħarġiet ewlenin tar-*Rivista di Filosofia Neo-Scolastica,* jismu: "Ancora

17. FRIGGIERI, O. fi *Il-Malti,* 1987.

il problema criteriologico fondamentale", f'polemika ma' Benedetto Croce nnifsu. Fil-klassi, qaluli studenti tiegħu li l-lezzjonijiet kienu aktarx ikunu kummentarji fuq it-testi li kien isegwi, imżewqa b'osservazzjonijiet mhux nieqsa mis-sarkażmu. Patri Cuschieri wkoll kompla t-tradizzjoni tal-professuri tal-filosofija li ma jgħixux f'torri ta' l-avorju, imma juru r-rilevanza tagħha għal ħajja politika. Kien Senatur u difensur qalbieni ta' l-identità Maltija. Jiena (PSI) personalment niftakru rtirat, jilgħab il-biljard fis-Civil Service Sports Club, fejn, meta kont għadni tifel żgħir, kien joħodni missieri, nilagħbu ċ-ċess. Kien hu li sawwar f'moħħi l-ewwel xbiha ħajja ta' x'ikun filosfu.

F'dan iż-żmien, jixraq li nsemmu studjużi Maltin tal-filosofija li għamlu isem barra minn Malta.

Ewlieni fosthom hemm P. Daniel Callus, Dumnikan. P. Callus kien maħtur biex igħallem l-Iskrittura fl-Università ta' Malta, iżda mal-bidu tal-Gwerra mar Oxford, fejn sar speċjalista mill-aqwa fl-istorja tal-filosofija medjevali, b'mod speċjali f'Oxford. Tefa' ħafna dawl fuq l-istorja tad-daħla ta' Aristotele fit-tagħlim tal-filosofija, fuq il-filosofija ta' Robert Grosseteste u fuq il-kontroversja dwar l-unità jew il-pluralità tal-forom fil-Bniedem.

Dumnikan ieħor li ta sehem li jistħoqqlu ġieħ kien Patri A. Pirotta, l-aktar fl-edizzjoni tal-kummentarju ta' San Tumas fuq il-kotba ta' Aristotele fuq ir-Ruħ, il-Memorja, u oħrajn. Patri Pirotta stampa f'Ruma wkoll Summa, f'erba' volumi, bil-Latin tal-Filosofija Aristotelico-Tomistika.

Kontributi siewja lill-istudji dwar il-Filosofija Skolastika taw ukoll, fis-snin tletin, żewġ Dumnikani Maltin oħra: Patri Zammit b'edizzjonijiet ta' kitbiet dwar il-Morali u tal-Caetano fuq l-Analoġija u oħrajn, u Patri Gundisalv Grech.